REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/35

tas-6 ta' Jannar 2022

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi jew territorji, jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 230(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi, *inter alia*, ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali, u japplika mill-21 ta' April 2021. Wieħed minn dawk ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali hu li dawk il-konsenji jridu jiġu minn pajjiż terz jew territorju, jew żona jew kompartiment tiegħu, elenkati f'konformità mal-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali minn pajjiżi terzi jew territorji, jew żoni jew kompartimenti tagħhom. Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jipprevedi li konsenji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jistgħu jitħallew jidħlu fl-Unjoni biss jekk ikunu ġejjin minn pajjiż terz jew territorju, jew żona jew kompartiment tiegħu, elenkati għall-ispeċijiet partikolari u għall-kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali, f'konformità mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali stabbiliti f'dak ir-Regolament Delegat.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([3]) jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi jew territorji, jew żoni jew kompartimenti tagħhom, li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' dawk l-ispeċijiet u l-kategoriji ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692. Il-listi u ċerti regoli ġenerali li jikkonċernaw il-listi huma stabbiliti fl-Annessi I sa XXII ta' dak ir-Regolament Delegat.

(4) L-Artikoli 62(2) u (3) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, kif emendat reċentement bir-Regolament Delegat (UE) 2021/1705 ([4]), introduċew ir-regoli l-ġodda tal-ħamiem tat-tiġrija li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu fejn jinżammu normalment, bl-intenzjoni li jinħelsu immedjatament bl-istennija li jtiru lura lejn dak il-pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu. Sabiex jitqiesu dawk ir-regoli l-ġodda, huwa meħtieġ li jiġi emendat l-Artikolu 3(1)(e), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, li jirreferi għal-listi, stabbiliti fl-Anness VI ta' dak ir-Regolament, ta' pajjiżi terzi jew territorji, jew żoni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' għasafar miżmuma fil-magħluq u prodotti ġerminali ta' għasafar miżmuma fil-magħluq, sabiex dik il-kategorija ta' għasafar miżmuma fil-magħluq tiġi eskluża minn dawk il-listi.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

([4]) Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1705 tal-14 ta' Lulju 2021 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/692 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 339, 24.9.2021, p. 40).

(5) Ir-Renju Unit issottometta lill-Kummissjoni l-informazzjoni li turi, f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, li l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent tal-istat ta' ħelsien mill-mard għat-territorju kollu tiegħu mill-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (BTV) stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/689 ([5]) huma ssodisfati. Jenħtieġ li l-entrata tar-Renju Unit fil-lista ta' pajjiżi terzi jew territorji, jew żoni tagħhom, awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' ungulati (għajr l-annimali ekwini u l-ungulati maħsuba għal stabbilimenti konfinati) stabbilita fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 tiġi emendata sabiex tinkludi t-territorju kollu ta' dak il-pajjiż terz. Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġi emendat skont dan.

(6) It-tabella fil-Parti 1, it-Taqsima A, tal-Anness VI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi jew territorji jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' għasafar miżmuma fil-magħluq u prodotti ġerminali tagħhom. Jenħtieġ li dik il-lista tkun konsistenti mal-lista ta' pajjiżi terzi li minnhom huma awtorizzati l-importazzjonijiet tal-għasafar imrobbija fil-magħluq stabbilita fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2013 ([6]), li kien japplika sal-20 ta' April 2021. Barra minn hekk, jenħtieġ li t-titoli tal-listi fil-Parti 1, it-Taqsimiet A u B tal-Anness VI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġu emendati biex jeskludu l-ħamiem tat-tiġrija, f'konformità mal-Artikoli 62(2) u (3) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, mil-listi stabbiliti fil-Parti 1, it-Taqsimiet A u B, tal-Anness VI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404. Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness VI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġi kkoreġut u emendat skont dan.

(7) It-tabella fil-Parti 1 tal-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi jew territorji, jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' klieb, qtates u inmsa. Jenħtieġ li dik il-lista tkun konsistenti mal-lista ta' territorji jew pajjiżi terzi li minnhom huma awtorizzati l-importazzjonijiet ta' klieb, qtates jew inmsa msemmija fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/294 ([7]), li kien japplika sal-20 ta' April 2021. Għalhekk, l-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(8) It-tabella fil-Parti 1 tal-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi jew territorji, jew żoni tagħhom, awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' prodotti ġerminali ta' annimali bovini. Fis-sitt kolonna ta' dik it-tabella li tistabbilixxi l-garanziji tas-saħħa tal-annimali, l-entrati għall-Kanada, għar-Renju Unit u għad-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu ta' Isle of Man u ta' Jersey jenħtieġ li jiġu kkoreġuti fir-rigward tad-deskrizzjoni taż-żoni fir-Renju Unit, u tal-garanziji tas-saħħa tal-annimali rilevanti għall-Kanada, ir-Renju Unit u dawk id-Dipendenzi tal-Kuruna biex jirriflettu l-garanziji għall-infezzjoni bil-*Brucella abortus, B. melitensis* u *B. suis,* l-infezzjoni bil-*kumpless tal-Mycobacterium tuberculosis (M. bovis, M. caprae, M. tuberculosis),* l-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika u l-lewkożi enzootika bovina, previsti fit-tieni u fis-seba' kolonni tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 rispettivament; u l-entrata għar-Renju Unit jenħtieġ li tiġi emendata fir-rigward tar-rikonoxximent mill-Unjoni tal-ħelsien mill-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24) ta' dak il-pajjiż terz. Barra minn hekk, id-deskrizzjoni ta' dawk iż-żoni, il-garanziji tas-saħħa tal-annimali, u dak ir-rikonoxximent jenħtieġ li tiżdied fit-tabelli fil-Parti 2 u 4 tal-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404. L-entrati għall-Kanada, għar-Renju Unit u għad-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu ta' Isle of Man u ta' Jersey fl-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li jiġu kkoreġuti u emendati skont dan.

(9) It-tabella fil-Parti 1 tal-Anness X tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi jew territorji, jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' prodotti ġerminali ta' annimali ovini u kaprini. Fis-sitt kolonna ta' dik it-tabella, li tistabbilixxi l-garanziji tas-saħħa tal-annimali, l-entrati għall-Kanada, għar-Renju Unit u għad-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu ta' Guernsey u ta' Isle of Man jenħtieġ li jiġu kkoreġuti biex jirriflettu l-garanziji tas-saħħa tal-annimali għall-infezzjoni bil-*Brucella abortus, B. melitensis* u *B. suis,* l-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika, previsti fis-seba' kolonna tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness II

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għas-sorveljanza, għall-programmi ta' eradikazzjoni u għall-istat ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 211).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2013 tas-7 ta' Jannar 2013 li jistipula l-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni ta' ċerti għasafar fl-Unjoni u l-kondizzjonijiet ta' kwarantina tagħhom (ĠU L 47, 20.2.2013, p. 1).

([7]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/294 tat-18 ta' Frar 2019 li tistabbilixxi l-lista tat-territorji u tal-pajjiżi terzi awtorizzati biex l-Unjoni timporta minnhom klieb, qtates u inmsa, u l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal dawn l-importazzjonijiet (ĠU L 48, 20.2.2019, p. 41).

tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404; u l-entrata għar-Renju Unit jenħtieġ li tiġi emendata fir-rigward tar-rikonoxximent mill-Unjoni tal-ħelsien mill-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24) ta' dak il-pajjiż terz. Barra minn hekk, jenħtieġ li d-deskrizzjoni ta' dawk il-garanziji tas-saħħa tal-annimali u dak ir-rikonoxximent jiżdiedu fit-tabella fil-Parti 4 tal-Anness X tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404. L-entrati għall-Kanada, għar-Renju Unit u għad-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu ta' Guernsey u ta' Isle of Man fl-Anness X tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li jiġu kkoreġuti u emendati skont dan.

(10) It-tabella fil-Parti 1 tal-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi jew territorji, jew żoni tagħhom, awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' prodotti ġerminali ta' annimali porċini. Fis-sitt kolonna ta' dik it-tabella li tistabbilixxi l-garanziji tas-saħħa tal-annimali, jenħtieġ li l-entrati għar-Renju Unit u għad-Dipendenza tal-Kuruna tiegħu ta' Guernsey jiġu kkoreġuti biex jirriflettu l-garanzija tas-saħħa tal-annimali għall-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky (ADV) prevista fis-seba' kolonna tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404. Barra minn hekk, jenħtieġ li id-deskrizzjoni ta' dik il-garanzija tas-saħħa tal-annimali tiżdied fit-tabella fil-Parti 4 tal-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404. Jenħtieġ li l-entrati għar-Renju Unit u għad-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu ta' Guernsey fl-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġu kkoreġuti skont dan.

(11) Barra minn hekk, l-Ukrajna ssottomettiet informazzjoni aġġornata lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorju tagħha b'rabta mat-tifqigħat tal-influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli (HPAI) ikkonfermata fl-azjendi tat-tjur bejn l-4 ta' Diċembru 2020 u t-3 ta' Frar 2021, u dwar il-miżuri li ħadet biex tipprevjeni aktar tixrid ta' dik il-marda. B'mod partikolari, wara dawk it-tifqigħat tal-HPAI, l-Ukrajna implimentat il-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 38(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, jiġifieri, politika ta' qerda sabiex tikkontrolla u tillimita t-tixrid ta' dik il-marda, tindif u diżinfezzjoni adegwati wara l-implimentazzjoni tal-politika ta' qerda fuq l-azjendi tat-tjur infettati, u programm ta' sorveljanza rilevanti li juri n-nuqqas ta' infezzjoni fil-popolazzjonijiet f'riskju.

(12) Il-Kummissjoni evalwat l-informazzjoni sottomessa mill-Ukrajna u kkonkludiet li dawk it-tifqigħat tal-HPAI fl-azjendi tat-tjur ġew ikklerjati u li ma għadx hemm riskju assoċjat mad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-komoditajiet tat-tjur miż-żoni tal-Ukrajna li minnhom id-dħul fl-Unjoni tal-komoditajiet tat-tjur ġie pprojbit minħabba dawk it-tifqigħat.

(13) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-entrati għall-Ukrajna fit-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jqisu s-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali f'dak il-pajjiż terz. Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġi emendat skont dan.

(14) It-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XVII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi jew territorji, jew żoni tagħhom, awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' ħalib, ta' kolostru, ta' prodotti li fihom il-kolostru, ta' prodotti tal-ħalib derivati minn ħalib mhux ipproċessat u ta' prodotti tal-ħalib li mhumiex soġġetti għal trattament speċifiku li jnaqqas ir-riskju kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer. Jenħtieġ li dik il-lista tqis il-lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' konsenji ta' ħalib mhux ipproċessat, ta' prodotti tal-ħalib, ta' kolostru u ta' prodotti li fihom il-kolostru u tindika t-tip ta' trattament ta' tisħin meħtieġ għal dawn il-komoditajiet stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010 ([8]), peress li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 605/2010 tħassar u ġie sostitwit bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404. Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness XVII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġi kkoreġut biex jinkludi l-Montenegro.

(15) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġi emendat u kkoreġut skont dan.

(16) Billi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 japplika mill-21 ta' April 2021, fl-interess taċ-ċertezza legali, l-emendi u l-korrezzjonijiet li jridu jsiru fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 b'dan ir-Regolament jenħtieġ li jsiru effettivi b'urġenza.

(17) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

([8]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010 tat-2 ta' Lulju 2010 li jistipula l-kundizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali u ta' saħħa pubblika kif ukoll iċ-ċertifikazzjoni veterinarji għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' ħalib mhux ipproċessat u prodotti tal-ħalib maħsuba għall-konsum uman (ĠU L 175, 10.7.2010, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 3(1), il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) l-Anness VI għall-għasafar miżmuma fil-magħluq u l-prodotti ġerminali ta' għasafar miżmuma fil-magħluq kif ġej:

(i) il-Parti 1, it-Taqsima A, għall-għasafar miżmuma fil-magħluq u l-prodotti ġerminali ta' għasafar miżmuma fil-magħluq, għajr l-għasafar miżmuma fil-magħluq imsemmija fl-Artikolu 62 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

(ii) il-Parti 1, it-Taqsima B, għall-għasafar miżmuma fil-magħluq u l-prodotti ġerminali ta' għasafar miżmuma fil-magħluq abbażi ta' garanziji ekwivalenti skont l-Artikolu 62(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692";

(2) L-Annessi II, VI, VIII, IX, X, XI, XIV u XVII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati u kkoreġuti f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Jannar 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi II, VI, VIII, IX, X, XI, XIV u XVII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati u kkoreġuti kif ġej:

(1) Fl-Anness II, il-Parti 1, l-entrata għar-Renju Unit tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"**GB** Ir-Renju Unit	GB-1	Annimali bovini	Annimali għaż-żamma ulterjuri[1] u maħsuba għall-iskarnar	BOV-X, BOV-Y		BRU, BTV, EBL		
		Annimali ovini u kaprini	Annimali għaż-żamma ulterjuri[1] u maħsuba għall-iskarnar	OV/CAP-X, OV/CAP-Y		BRU, BTV		
		Annimali porċini	Annimali għaż-żamma ulterjuri[1] u maħsuba għall-iskarnar	SUI-X, SUI-Y		ADV		
		Annimali kamelidi	Annimali għaż-żamma ulterjuri[1]	CAM-CER		BTV		
		Annimali ċervidi	Annimali għaż-żamma ulterjuri[1]	CAM-CER		BTV		
		Ungulati oħrajn	Annimali għaż-żamma ulterjuri[1]	RUM, RHINO, HIPPO		BTV[2]		
	GB-2	Annimali bovini	Annimali għaż-żamma ulterjuri[1] u maħsuba għall-iskarnar	BOV-X, BOV-Y		BRU, TB, BTV, EBL		
		Annimali ovini u kaprini	Annimali għaż-żamma ulterjuri[1] u maħsuba għall-iskarnar	OV/CAP-X, OV/CAP-Y		BRU, BTV		
		Annimali porċini	Annimali għaż-żamma ulterjuri[1] u maħsuba għall-iskarnar	SUI-X, SUI-Y		ADV		
		Annimali kamelidi	Annimali għaż-żamma ulterjuri[1]	CAM-CER		BTV		
		Annimali ċervidi	Annimali għaż-żamma ulterjuri[1]	CAM-CER		BTV		
		Ungulati oħrajn	Annimali għaż-żamma ulterjuri[1]	RUM, RHINO, HIPPO		BTV[2]"		

(2) L-Anness VI huwa kkoreġut u emendat kif ġej:

(a) Fil-Parti 1, it-Taqsima A hija kkoreġuta u emendata kif ġej:

(i) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*TAQSIMA A*

Lista ta' pajjiżi terzi jew territorji, jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' għasafar miżmuma fil-magħluq u prodotti ġerminali ta' għasafar miżmuma fil-magħluq, għajr l-għasafar miżmuma fil-magħluq imsemmija fl-Artikolu 62 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, kif imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (e)(i), ta' dan ir-Regolament"

(ii) tiddaħħal l-entrata li ġejja għal Guernsey, bejn l-entrata għar-Renju Unit u l-entrata għal Iżrael:

"**GG** Guernsey	GG-0	Għasafar miżmuma fil-magħluq	GĦASAFAR MIŻMUMA FIL-MAGĦLUQ				
		Bajd għat-tifqis ta' għasafar miżmuma fil-magħluq	HE-CAPTIVE-BIRDS"				

(b) Fil-Parti 1, it-titolu tat-taqsima B huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*TAQSIMA B*

Lista ta' pajjiżi terzi jew territorji, jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' għasafar miżmuma fil-magħluq u prodotti ġerminali ta' għasafar miżmuma fil-magħluq abbażi ta' garanziji ekwivalenti f'konformità mal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 kif imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (e)(ii), ta' dan ir-Regolament"

(3) Fl-Anness VIII, il-Parti 1 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"PARTI 1

– Lista ta' pajjiżi terzi jew territorji, jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' klieb, qtates u inmsa kif imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (g)

Kodiċi ISO u isem il-pajjiż terz jew it-territorju	**Kodiċi taż-żona** kif stabbilit fil- Parti 2	**Speċijiet u kategoriji** permessi li jidħlu fl-Unjoni	**Ċertifikati tas-saħħa tal-annimali**	**Kundizzjonijiet speċifiċi** kif stabbiliti fil-Parti 3	**Garanziji tas-saħħa tal-annimali** kif stabbiliti fil-Parti 4	**Data tal-għeluq**	**Data tal-ftuħ**
1	**2**	**3**	**4**	**5**	**6**	**7**	**8**
AC Il-Gżira ta' Ascension	AC-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
AD Andorra	AD-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				

AE L-Emirati Għarab Magħquda	AE-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
AG Antigua u Barbuda	AG-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
AL L-Albanija	AL-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
AR L-Arġentina	AR-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
AU L-Awstralja	AU-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
AW Aruba	AW-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
BA Il-Bożnija-Ħerzegovina	BA-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
BB Barbados	BB-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
BH Il-Bahrain	BH-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
BM Bermuda	BM-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
BO Il-Bolivja	BO-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
BQ Bonaire, Sint Eustatius u Saba (il-Gżejjer Bes)	BQ-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				

BR Il-Brażil	BR-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
BW Il-Botswana	BW-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
BY Il-Belarussja	BY-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
BZ Il-Belize	BZ-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
CA Il-Kanada	CA-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
CH L-Iżvizzera	CH-0	Soġġett għall-Ftehim imsemmi fil-punt 7 tal-Anness I					
CL Iċ-Ċilì	CL-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
CN Iċ-Ċina	CN-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
CO Il-Kolombja	CO-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
CR Il-Costa Rica	CR-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
CU Kuba	CU-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
CW Curaçao	CW-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
DZ L-Alġerija	DZ-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			

EG L-Eġittu	EG-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
ET L-Etjopja	ET-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
FJ Fiġi	FJ-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
FK Il-Gżejjer Falkland	FK-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
FO Il-Gżejjer Faeroe	FO-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
GB Ir-Renju Unit	GB-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
GG Guernsey	GG-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
GI Ġibiltà	GI-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
GL Greenland	GL-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
GT Il-Gwatemala	GT-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
HK Hong Kong	HK-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
HN Il-Honduras	HN-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
IL Iżrael	IL-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			

IM Isle of Man	IM-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
IN L-Indja	IN-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
IS L-Iżlanda	IS-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
JE Jersey	JE-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
JM Il-Ġamajka	JM-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
JO Il-Ġordan	JO-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
JP Il-Ġappun	JP-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
KE Il-Kenja	KE-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
KG Il-Kirgiżistan	KG-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
KN Saint Kitts u Nevis	KN-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
KR Ir-Repubblika tal-Korea	KR-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
KW Il-Kuwajt	KW-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			

KY Il-Gżejjer Cayman	KY-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
LB Il-Libanu	LB-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
LC Saint Lucia	LC-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
LI Il-Liechtenstein	LI-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
MA Il-Marokk	MA-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
MC Monaco	MC-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
ME Il-Montenegro	ME-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
MG Madagascar	MG-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
MK Il-Maċedonja ta' Fuq	MK-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
MO Il-Macao	MO-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
MS Montserrat	MS-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
MU Mauritius	MU-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
MX Il-Messiku	MX-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				

MY Il-Malasja	MY-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
NA In-Namibja	NA-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
NC New Caledonia	NC-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
NI In-Nikaragwa	NI-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
NZ New Zealand	NZ-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
OM L-Oman	OM-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
PA Il-Panama	PA-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
PE Il-Perù	PE-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
PF Il-Polineżja Franċiża	PF-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
PM Saint-Pierre u Miquelon	PM-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
PY Il-Paragwaj	PY-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
QA Il-Qatar	QA-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			

RS Is-Serbja	RS-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
RU Ir-Russja	RU-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
SA L-Arabja Sawdija	SA-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
SG Singapore	SG-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
SH Saint Helena	SH-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
SM San Marino	SM-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
SV El Salvador	SV-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
SX Sint Maarten	SX-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
SZ L-Eswatini	SZ-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
TH It-Tajlandja	TH-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
TN It-Tuneżija	TN-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
TR It-Turkija	TR-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
TT Trinidad u Tobago	TT-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				

TW It-Tajwan	TW-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
UA L-Ukrajna	UA-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
US L-Istati Uniti, inklużi s-Samoa Amerikana, il-Guam, il-Gżejjer Mariana tat-Tramuntana, Puerto Rico u l-Gżejjer Verġni tal-Istati Uniti	US-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
UY L-Urugwaj	UY-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
VA L-Istat tal-Belt tal-Vatikan	VA-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
VC Saint Vincent u l-Grenadini	VC-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
VG Il-Gżejjer Verġni Brittaniċi	VG-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
VU Vanuatu	VU-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
WF Wallis u Futuna	WF-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS				
ZA L-Afrika t'Isfel	ZA-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			
ZW Iż-Żimbabwe	ZW-0	Klieb, qtates u inmsa għal skopijiet kummerċjali	CANIS-FELIS-FERRETS	Test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja			

(4) L-Anness IX huwa kkoreġut u emendat kif ġej:

(a) Il-Parti 1 hija kkoreġuta u emendata kif ġej:

(i) l-entrata għall-Kanada hija sostitwita b'dan li ġej:

"**CA** Il-Kanada	CA-0	Semen	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/290/KE		SF-BTV SF-EHD Test tal-EHD Test tal-BTV
		Ooċiti u embrijuni	BOV-OOCYTES-EMB-A-ENTRY BOV-in-vivo-EMB-B-ENTRY BOV-in-vitro-EMB-C-ENTRY BOV-in-vitro-EMB-D-ENTRY BOV-GP-PROCESSING-ENTRY BOV-GP-STORAGE-ENTRY		SF-BTV SF-EHD Test tal-EHD Test tal-BTV"

(ii) l-entrata għar-Renju Unit hija sostitwita b'dan li ġej:

"**GB** Ir-Renju Unit	GB-1	Semen	BOV-SEM-A-ENTRY BOV-SEM-B-ENTRY BOV-SEM-C-ENTRY BOV-GP-PROCESSING-ENTRY BOV-GP-STORAGE-ENTRY	Perjodu qabel l-1 ta' Jannar 2021	BRU BTV EBL
		Ooċiti u embrijuni	BOV-OOCYTES-EMB-A-ENTRY BOV-in-vivo-EMB-B-ENTRY BOV-in-vitro-EMB-C-ENTRY BOV-in-vitro-EMB-D-ENTRY BOV-GP-PROCESSING-ENTRY BOV-GP-STORAGE-ENTRY	Perjodu qabel l-1 ta' Jannar 2021	

	GB-2	Semen	BOV-SEM-A-ENTRY BOV-SEM-B-ENTRY BOV-SEM-C-ENTRY BOV-GP-PROCESSING-ENTRY BOV-GP-STORAGE-ENTRY	Perjodu qabel l-1 ta' Jannar 2021	BRU TB BTV EBL"
		Ooċiti u embrijuni	BOV-OOCYTES-EMB-A-ENTRY BOV-in-vivo-EMB-B-ENTRY BOV-in-vitro-EMB-C-ENTRY BOV-in-vitro-EMB-D-ENTRY BOV-GP-PROCESSING-ENTRY BOV-GP-STORAGE-ENTRY	Perjodu qabel l-1 ta' Jannar 2021	

(iii) l-entrati għal Isle of Man u għal Jersey huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**IM** Isle of Man	IM-0	Semen	BOV-SEM-A-ENTRY BOV-SEM-B-ENTRY BOV-SEM-C-ENTRY BOV-GP-PROCESSING-ENTRY BOV-GP-STORAGE-ENTRY	Perjodu qabel l-1 ta' Jannar 2021	BRU TB EBL
		Ooċiti u embrijuni	BOV-OOCYTES-EMB-A-ENTRY BOV-in-vivo-EMB-B-ENTRY BOV-in-vitro-EMB-C-ENTRY BOV-in-vitro-EMB-D-ENTRY BOV-GP-PROCESSING-ENTRY BOV-GP-STORAGE-ENTRY	Perjodu qabel l-1 ta' Jannar 2021	
JE Jersey	JE-0	Semen	BOV-SEM-A-ENTRY BOV-SEM-B-ENTRY BOV-SEM-C-ENTRY BOV-GP-PROCESSING-ENTRY BOV-GP-STORAGE-ENTRY	Perjodu qabel l-1 ta' Jannar 2021	EBL"

		Ooċiti u embrijuni	BOV-OOCYTES-EMB-A-ENTRY BOV-in-vivo-EMB-B-ENTRY BOV-in-vitro-EMB-C-ENTRY BOV-in-vitro-EMB-D-ENTRY BOV-GP-PROCESSING-ENTRY BOV-GP-STORAGE-ENTRY	Perjodu qabel l-1 ta' Jannar 2021	

(b) fil-Parti 2, il-kelma "xejn" titħassar u tiġi sostitwita bit-tabella li ġejja:

"**Isem il-pajjiż terz jew territorju**	**Kodiċi taż-żona**	**Deskrizzjoni taż-żona**
Ir-Renju Unit	**GB-1**	L-Ingilterra u Wales
	GB-2	L-Iskozja"

(c) fil-Parti 4, it-tabella hija emendata kif ġej:

(i) ir-ringiela li ġejja tiddaħħal bejn ir-ringiela "TB" u r-ringiela "SF-BTV":

"**BTV**	L-Unjoni rrikonoxxiet il-ħelsien minn infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24) tal-pajjiż terz, tat-territorju jew taż-żona fir-rigward tal-ispeċijiet speċifiċi ta' annimali msemmija fil-kolonna 3 tat-tabella stabbilita fil-Parti 1 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692"

(ii) ir-ringieli li ġejjin jiżdiedu wara r-ringiela "SF-BTV":

"**SF-EHD**	L-Unjoni rrikonoxxiet il-ħelsien staġjonali minn infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika tal-pajjiż terz, tat-territorju jew taż-żona fir-rigward tal-ispeċijiet speċifiċi ta' annimali msemmija fil-kolonna 3 tat-tabella stabbilita fil-Parti 1 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692
EBL	L-Unjoni rrikonoxxiet il-ħelsien mil-lewkoża enzootika bovina tal-pajjiż terz, tat-territorju jew taż-żona fir-rigward tal-ispeċijiet speċifiċi ta' annimali msemmija fil-kolonna 3 tat-tabella stabbilita fil-Parti 1 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692"

(5) L-Anness X huwa kkoreġut u emendat kif ġej:

(a) Il-Parti 1 hija kkoreġuta u emendata kif ġej:

(i) l-entrata għall-Kanada hija sostitwita b'dan li ġej:

“**CA** Il-Kanada	CA-0	Semen	OV/CAP-SEM-A-ENTRY OV/CAP-SEM-B-ENTRY OV/CAP-GP-PROCESSING-ENTRY OV/CAP-GP-STORAGE-ENTRY		BRU SF-BTV SF-EHD Test tal-EHD Test tal-BTV
		Ooċiti u embrijuni	OV/CAP-OOCYTES-EMB-A-ENTRY OV/CAP-OOCYTES-EMB-B-ENTRY OV/CAP-GP-PROCESSING-ENTRY OV/CAP-GP-STORAGE-ENTRY		BRU SF-BTV SF-EHD Test tal-EHD Test tal-BTV”

(ii) l-entrati għar-Renju Unit u għal Guernsey huma sostitwiti b’dan li ġej:

“**GB** Ir-Renju Unit	GB-0	Semen	OV/CAP-SEM-A-ENTRY OV/CAP-SEM-B-ENTRY OV/CAP-GP-PROCESSING-ENTRY OV/CAP-GP-STORAGE-ENTRY	Perjodu qabel l-1 ta’ Jannar 2021	BRU BTV
		Ooċiti u embrijuni	OV/CAP-OOCYTES-EMB-A-ENTRY OV/CAP-OOCYTES-EMB-B-ENTRY OV/CAP-GP-PROCESSING-ENTRY OV/CAP-GP-STORAGE-ENTRY	Perjodu qabel l-1 ta’ Jannar 2021	
GG Guernsey	GG-0	Semen	OV/CAP-SEM-A-ENTRY OV/CAP-SEM-B-ENTRY OV/CAP-GP-PROCESSING-ENTRY OV/CAP-GP-STORAGE-ENTRY	Perjodu qabel l-1 ta’ Jannar 2021	BRU”

		Ooċiti u embrijuni	OV/CAP-OOCYTES-EMB-A-ENTRY OV/CAP-OOCYTES-EMB-B-ENTRY OV/CAP-GP-PROCESSING-ENTRY OV/CAP-GP-STORAGE-ENTRY	Perjodu qabel l-1 ta' Jannar 2021	

(iii) l-entrata għal Isle of Man hija sostitwita b'dan li ġej:

"**IM** Isle of Man	IM-0	Semen	OV/CAP-SEM-A-ENTRY OV/CAP-SEM-B-ENTRY OV/CAP-GP-PROCESSING-ENTRY OV/CAP-GP-STORAGE-ENTRY	Perjodu qabel l-1 ta' Jannar 2021	BRU"
		Ooċiti u embrijuni	OV/CAP-OOCYTES-EMB-A-ENTRY OV/CAP-OOCYTES-EMB-B-ENTRY OV/CAP-GP-PROCESSING-ENTRY OV/CAP-GP-STORAGE-ENTRY	Perjodu qabel l-1 ta' Jannar 2021	

(b) fil-Parti 4, it-tabella hija emendata kif ġej:

(i) ir-ringiela li ġejja tiddaħħal bejn ir-ringiela "BRU" u r-ringiela "SF-BTV":

"**BTV**	L-Unjoni rrikonoxxiet il-ħelsien minn infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24) tal-pajjiż terz, tat-territorju jew taż-żona fir-rigward tal-ispeċijiet speċifiċi ta' annimali msemmija fil-kolonna 3 tat-tabella stabbilita fil-Parti 1 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692"

(ii) ir-ringiela li ġejja tiżdied wara r-ringiela "SF-BTV":

"**SF-EHD**	L-Unjoni rrikonoxxiet il-ħelsien staġjonali minn infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika tal-pajjiż terz, tat-territorju jew taż-żona fir-rigward tal-ispeċijiet speċifiċi ta' annimali msemmija fil-kolonna 3 tat-tabella stabbilita fil-Parti 1 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692"

(6) L-Anness XI huwa kkoreġut kif ġej:

(a) fil-Parti 1, l-entrati għar-Renju Unit u għal Guernsey huma kkoreġuti kif ġej:

"**GB** Ir-Renju Unit	GB-0	Semen	POR-SEM-A-ENTRY POR-SEM-B-ENTRY POR-GP-PROCESSING-ENTRY POR-GP-STORAGE-ENTRY	Perjodu qabel l-1 ta' Jannar 2021	ADV
		Ooċiti u embrijuni	POR-OOCYTES-EMB-ENTRY POR-GP-PROCESSING-ENTRY POR-GP-STORAGE-ENTRY	Perjodu qabel l-1 ta' Jannar 2021	
GG Guernsey	GG-0	Semen	POR-SEM-A-ENTRY POR-SEM-B-ENTRY POR-GP-PROCESSING-ENTRY POR-GP-STORAGE-ENTRY	Perjodu qabel l-1 ta' Jannar 2021	ADV"
		Ooċiti u embrijuni	POR-OOCYTES-EMB-ENTRY POR-GP-PROCESSING-ENTRY POR-GP-STORAGE-ENTRY	Perjodu qabel l-1 ta' Jannar 2021	

(b) fil-Parti 4, il-kelma "xejn" titħassar u tiġi sostitwita bit-tabella li ġejja:

"**ADV**	L-Unjoni rrikonoxxiet il-ħelsien minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky tal-pajjiż terz, tat-territorju jew taż-żona fir-rigward tal-ispeċijiet speċifiċi ta' annimali msemmija fil-kolonna 3 tat-tabella stabbilita fil-Parti 1 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692"

(7) Fl-Anness XIV, fil-Parti 1, l-entrata għall-Ukrajna hija sostitwita b'dan li ġej:

"**UA** L-Ukrajna	UA-0	-	-				
	UA-1	Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti	POU				
		Laħam frisk ta' ratiti	RAT				

		Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa	GBM				
	UA-2						
	UA-2.1	Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti	POU	P1		30.11.2016	7.3.2020
		Laħam frisk ta' ratiti	RAT	P1		30.11.2016	7.3.2020
		Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa	GBM	P1		30.11.2016	7.3.2020
	UA-2.2	Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti	POU	P1		4.1.2017	7.3.2020
		Laħam frisk ta' ratiti	RAT	P1		4.1.2017	7.3.2020
		Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa	GBM	P1		4.1.2017	7.3.2020
	UA-2.3	Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti	POU	P1		4.1.2017	7.3.2020
		Laħam frisk ta' ratiti	RAT	P1		4.1.2017	7.3.2020
		Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa	GBM	P1		4.1.2017	7.3.2020
	UA-2.4	Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti	POU	P1		19.1.2020	20.3.2021
		Laħam frisk ta' ratiti	RAT	P1		19.1.2020	20.3.2021
		Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa	GBM	P1		19.1.2020	20.3.2021"
	UA-2.5	Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti	POU	P1		4.12.2020	16.1.2022
		Laħam frisk ta' ratiti	RAT	P1		4.12.2020	16.1.2022
		Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa	GBM	P1		4.12.2020	16.1.2022
	UA-2.6	Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti	POU	P1		24.12.2020	16.1.2022
		Laħam frisk ta' ratiti	RAT	P1		24.12.2020	16.1.2022
		Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa	GBM	P1		24.12.2020	16.1.2022

	UA-2.7	Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti	POU	P1		27.12.2020	16.1.2022
		Laħam frisk ta' ratiti	RAT	P1		27.12.2020	16.1.2022
		Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa	GBM	P1		27.12.2020	16.1.2022
	UA-2.8	Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti	POU	P1		29.12.2020	16.1.2022
		Laħam frisk ta' ratiti	RAT	P1		29.12.2020	16.1.2022
		Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa	GBM	P1		29.12.2020	16.1.2022
	UA-2.9	Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti	POU	P1		18.1.2021	16.1.2022
		Laħam frisk ta' ratiti	RAT	P1		18.1.2021	16.1.2022
		Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa	GBM	P1		18.1.2021	16.1.2022
	UA-2.10	Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti	POU	P1		3.2.2021	16.1.2022
		Laħam frisk ta' ratiti	RAT	P1		3.2.2021	16.1.2022
		Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa	GBM	P1		3.2.2021	16.1.2022'

(8) Fl-Anness XVII, fil-Parti 1, l-entrata li ġejja tiddaħħal bejn l-entrata għall-Ġappun u l-entrata għar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq:

"**ME** Il-Montenegro	ME-0	Ungulati	MILK-RM, MILK-RMP/NT, COLOSTRUM, COLOSTRUM-BP, DAIRY-PRODUCTS-PT"				